MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 423/2002/2

**Silvana Livori**

**vs.**

**Siglio Livori**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta’ April 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, il-kontendenti nghaqdu fiz-zwieg nhar il-21 ta’ Ottubru 1994 li minnu kellhom tifel wiehed jismu Harley ta’ seba’ (7) snin (Dok. “A”);

Illi, l-attrici giet awtorizzata li tipporcedi ghas-separazzjoni personali kontra zewgha in forza ta’ digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 418/96 (Dok. “B”);

Illi, l-konvenut huwa hati ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront tal-attrici;

Illi, il-konvenut huwa wkoll hati ta' adulterju;

Illi, il-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli *stante* li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u dana minhabba tortijiet imputabbli biss ghall-istess konvenut;

Illi, jezistu l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex il-konvenut jiddekadi mid-drittijiet tieghu skond kif kontemplati fl-**artikolu 48 u 51 Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Livori ghar-ragunijiet premessi kif ser jirrizultaw u jigu amplifikati u elaborati ahjar waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri;

2. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-**Artikoli 48 u 51 Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Tordna li l-Kura u l-Kustodja legali tat-tifel minuri jismu Harley ta' 7 snin tigi fdata lill-attrici;

4. Tiffissa dik ir-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-istess tifel minuri u ghall-attrici ukoll f'kaz li hija ma tkunx qieghdha tahdem;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma ta' manteniment kif iffissata fir-raba' talba u *okkorendo* tawtorizza li l-istess pagament jigi mnaqqas u mhallas direttament mill-paga tal-konvenut;

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien ma' binha minuri tibqa' tghix fid-dar konjugali 218 Bwieraq Street, B'Kara ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-istess kontendenti;

8. Tillikwida l-istess komunjoni u fejn mehtieg anke’ bl-opera ta’ periti nominandi u tiddividi l-istess assi skond il-ligi dejjem tenut kont u salv dak li gia ntalab aktar il-fuq dwar il-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenut skond il-ligi;

9. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza tas-separazzjoni fir-Registru Pubbliku *a tenur* tal-**artikolu 62A Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

10. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jircievi l-att nutarali opportun u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u tal-mandat ta’ Qbid datat 9 ta’ Dicembru 1998 kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta’ Silvana Livori datat 19 ta’ Settembru, 2002 a fol. 15 tal-process fejn esponit bir-rispett illi l-konvenut ghadu mhux notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh. Illi l-indirizz moghti huwa cert u ghaldaqstant tablet illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tawtorizza lill-konvenut jigi notifikat wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet tas-19 ta’ Settembru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Ottubru 2002, fejn Dr. Raphael Fenech Adami talab li n-notifika ssir *ai termini* tal-**artikolu 187 (3).** Il-Qorti laqghet it-talba, b’dan li n-notifika ssir f’gazzetta lokali wahda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Siglio Livori datata 23 ta’ Dicembru 2002 a fol. 23 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi dak li allegat l-attrici, huwa inveritier u infondat kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

2. Illi, ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli unikament l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju u ghadha sal-llum tghix f’relazzjoni adultera, kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Illi, hija l-attrici li ghadha tuza’ lil binhom minuri Harley ta’ seba’ (7) snin kontra missieru u cioe’ l-konvenut billi ma thallihx jarah u fil-fatt il-konvenut ilu sentejn u nofs ma jara lil ibnu;

4. Illi, it-talbiet attrici huma kontestati;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 23 tal-process.

Rat it-talba ta’ Siglio Livori datata 16 ta’ Ottubru 2001 a fol. 4 tal-process fejn talab li jkun ammess ghall-benificcju gratwit halli jkun jista’ jipprocedi kontra l-intimat ghas-separazzjoni personali minhabba f’inkompatibilita’ ta’ karattru u kif ukoll minhabba f’adulterju, sevigi, theddid u ngurja gravi da parti ta’ l-intimata. Ghal manteniment tieghu u tal-minuri Harley ta’ sitt snin. Ghax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghad-dekadenza ta’ l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-artikoli relevanti tal-Kodici Civili u ghal kura u kustodja tal-minuri Harley ta’ sitt snin.

Rat in-nota tal-kontro-parti Silvana Livori datata 26 ta’ Ottubru 2001.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 7 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti kkonfermat ir-relazzjoni favorevoli ta’ l-Avukat ghall-Ghajnuna Legali u hekk laqghet t-talba, billi assenjat lir-rikorrent l-Avukat Dr. Richard Sladdin u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignoud.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Jannar 2003 fejn inghata digriet ta’ nota guramentata u digriet tal-affidavit partijiet b’terminu ta’ 60 jum kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjaru u ordnatlu biex izomm zewg seduti wara t-terminu tal-affidavits ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavits. Il-provi tal-partijiet gew dikjarati.

Rat in-nota tal-attrici Silvana Livori datata 14 ta’ Jannar 2003 a fol. 32 u 33 tal-process.

Rat in-nota ta’ Siglio Livori datata 16 ta’ Jannar 2003 a fol. 34 u 35 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia fis-7 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia a fol. 36, li permezz taghha gharraf lil Qorti li d-difensuri tal-partijiet kienu qed jikkunsidraw draft ta’ proposti ghal separazzjoni konsenswali.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti nnutat li mill-ahhar digriet tad-9 ta’ Jannar 2003 ma sar xejn. Dr. Raphael Fenech Adami pprezenta l-affidavit attrici seduta *stante* u ddikjara li ma ghandux provi zjed.

Rat in-nota tal-attrici datata 26 ta’ Gunju 2003 a fol. 41 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha, ta’ missierha Vincent Abela u ta’ ohtha Graziella Moran.

Rat il-verbal tal-20 ta’ Novembru 2003 fejn Dr. Raphael Fenech Adami ghall-attrici ddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti m’hemm xejn peress li l-mobbli gew divizi u skond hu, il-kera tal-fond matrimonjali ghandu jibqa’ fuq l-attrici ghax hija parafernali. Il-konvenut wera li mhux jiehu

nteress fil-access tat-tifel, fil-waqt li l-attrici tahdem u ma talbietx manteniment. Il-konvenut u d-difensur tieghu kienu msejhin diversi drabi, pero', ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Frar 2004.

Rat ir-rikors ta' Dr. Richard Sladden datat 21 ta' Novembru 2003 fejn talab sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevokalu l-inkariku ta' avukat tal-ghajnuna legali tal-konvenut Siglio Livori.

Rat id-digriet datat 25 ta' Novembru 2003 a fol. 54 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### I) <u>PROVI PRODOTTI</u>

Rat l-affidavits tal-attrici **Silvana Livori,** ta' missier l-attrici **Vincent Abela** u ta' oht l-attrici **Graziella Moran,** minn fol. 42 sa fol. 49 tal-process, li gew prezentati premezz ta' nota datata 26 ta' Gunju 2003. Il-konvenut nonostante li 'nghata diversi opportunitajiet baqa' ma ressaq l-ebda provi, u allura din il-Qorti sejra taghti d-decizjoni taghha fuq il-provi li hemm provduti biss min-naha attrici.

### II) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi mill-provi prodotti, li ma humiex kontrasti b'xhieda *da parte* tal-konvenut, jirrizulta li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li jidher car li l-konvenut litteralment abbanduna l-familja tieghu, u mill-affidavit attrici, kif kkorroborat mix-xhieda l-ohra prodotta jirrizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi u dan meta jirrizulta li kemm il-darba l-istess konvenut kien refa' idejh fuq l-attrici, naqas li jmantni lill-attrici, u ma kien jerfa' responsabilita' ta' xejn fil-kuntest tal-bzonnijiet tal-familja, u jidher li s-sitwazzjoni ghada hekk sallum; fil-fatt il-partijiet odjerni ilhom mifrudin *de facto* mis-sena 1997, u jirrizulta wkoll li f'dan iz-zmien kollu l-istess konvenut lanqas biss mantna lill ibnu Harley,

u dan minkejja d-digriet tas-Sekond'Awla, li ghadu sallum veljanti, anke' ghaliex l-istess konvenut ma pproceda bl-ebda mod sabiex jottjeni varjazzjoni tal-istess; dan l-attagament tal-konvenut jidher ukoll f'din il-kawza fejn l-avukat tieghu wkoll talab li jigi ezonerat mill-inkarigu tieghu ta' avukat ta' ghajnuna legali *stante* li l-konvenut lanqas biss avvicinah sabiex jressaq l-provi tieghu. Minn dan kollu jirrizulta li l-ewwel talba attrici ghandha tigi miqlugha.

Illi konsegwentement it-tieni talba attrici wkoll ghandha tigi milqugha, u ghalhekk ghandhonm japplikaw kontra l-konvenut id-disposizzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

Illi t-tielet talba attrici wkoll qed tigi milqugha b'dan li din il-Qorti tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-istess ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, peress li kienet l-attrici li dejjem hadhet hsieb u mantniet l-istess minuri; jidher li minkejja d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili l-access *da parte* tal-konvenut mhux qed jigi prattikat; din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-konvenut ghandu jinghata opportunita' li jistabilixxi kuntatt mal-istess minuri, dan pero' biss taht supervizzjoni fl-Agenzija Appogg ghal darba wahda f'nofs il-gimgha, u cjoe' l-Erbgha ta' kull gimgha bejn l-4.00.p.m. u l-5.00.p.m. b'dan li s-*social worker* Therese Micallef ghandha tikkordina l-istess access, u ghal dan l-iskop torda li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Agenzija Appogg.

Illi dwar manteniment lill-attrici, ghalkemm l-istess attrici ghandha favur taghha dritt ta' manteniment kontra l-konvenut, dan fis-sitwazzjoni odjerna ma jistax jigi likwidat u dan peress li l-konvenut ma ghandhux impjieg, u *di piu* l-attrici ghandha l-introjtu taghha.

Illi dwar manteniment ta' minuri, apparti li l-konvenut jibqa' obbligat li jhallas l-arretrati kollha ta' manteniment kif decretat bid-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi Numru 418/96 u dan b'effett mit-12 ta' April 1996 sad-data ta' din is-sentenza, din il-Qorti ma' hijiex f'posizzjoni li tillikwida dan il-manteniment u dan

peress li l-introjtu tal-konvenut ma giex forniet lil din il-Qorti; f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tordna li bhala manteniment l-konvenut ghandu jissoministra lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri 25% tal-introjtu tieghu minn kull impjieg jew attivita' kummerccjali li huwa jintraprendi u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici; fil-kaz li l-istess konvenut ikun impjegat ma' terzi ali percentwali ta' manteniment ghandha titnaqqas direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu u mibghuta lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess *employer* anke' futur. Din id-decizjoni itihdhet anke' fl-isfond tad-dikjarazzjoni li ghamlet omm il-konvenut stess fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2003, fejn iddikjarat seduta *stante* li *"konvenut beda jahdem ma' mastrudaxxa l-Marsa".*

Illi s-seba' (7) talba attrici ghandha tigi milqugha u din il-Qorti tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mill-sena 1997, u *stante* li l-mobbli li kienu formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet gja gew maqsuma bejniethom, din il-Qorti fil-waqt li tikkonferma l-istess qsim tal-mobbli, tiddikjara li ma hemm xejn izjed fl-istess komunjoni x'jigi likwidat u diviz, b'dan li l-kera tal-fond 218, Bwieraq Street, B'kara ghandha tibqa' esklussivament fuq l-attrici u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lil sid il-kera a spejjez attrici. Ghall-istess ragunijiet fuq indikati u *in vista* tal-premess is-sitt (6) talba attrici ghandha tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Livori minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizu gravi *da parte* tal-konvenut fil-konfront tal-

attrici li kawza tal-istess z-zwieg bejn il-partijiet ma ghadhux aktar possibbli ghaliex tkisser irremedjabilment ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-**artikoli 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** *in toto***;**

3. Tordna li l-kura u l-kustodja legali tat-tifel minuri jismu Harley tigi fdata lill-attrici bi dritt ta' access mill-konvenut ghall-istess minuri dan pero' biss taht supervizzjoni fl-Agenzija Appogg ghal darba wahda f'nofs il-gimgha, u cjoe' l-Erbgha ta' kull gimgha bejn l-4.00.p.m. u l-5.00.p.m. b'dan li s-*social worker* Therese Micallef ghandha tikkordina l-istess access, u ghal dan l-iskop torda li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-Agenzija Appogg.

4. Illi dwar manteniment lill-attrici, din il-Qorti tiddikjara ghal dak li jirrigwarda r-raba' talba attrici li ghalkemm l-istess attrici ghandha favur taghha dritt ta' manteniment kontra l-konvenut, dan fis-sitwazzjoni odjerna ma jistax jigi likwidat u dan peress li l-konvenut ma ghandhux impjieg, u *di piu* l-attrici ghandha l-introjtu taghha, ghalkemm tali dritt *per se* jibqa' veljanti specjalment jekk l-istess attrici ma tkunx impjegata jew tahdem bi qliegh.

Illi dwar manteniment ta' minuri, tordna fl-ewwel lok lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghan-nom tal-istess minuri l-arretrati kollha ta' manteniment ghall-istess minuri kif decretat bid-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi Numru 418/96 u dan b'effett mit-12 ta' April 1996, data tal-istess digriet sad-data ta' din is-sentenza.

Illi fit-tieni lok li bhala manteniment ghall-istess minuri l-konvenut ghandu jissoministra u jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-introjtu tieghu minn kull impjieg jew attivita' kummercjali li huwa jintraprendi u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-istess attrici b'dan li fil-kaz li l-istess

konvenut ikun jew huwa impjegat ma' terzi tali percentwali mill-qiegh tieghu bhala manteniment hawn ordnat ghandha titnaqqas direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu u mibghuta lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess *employer,* anke' futur.

5. Tilqa' l-hames talba skond dak gja ordnat abbazi tar-raba' talba attrici, u tikkonferma l-istess ordnijiet hemm u appena moghtija.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien ma' binha minuri tibqa' tghix fid-dar konjugali 218 Bwieraq Street, B'Kara ad eskluzjoni tal-konvenut b'dan li qed jigi ddikjarat li b'effett mill-istess sentenza l-istess kirja tal-fond *de quo* ghandha tghajjat lill-attrici esklussivament u l-konvenut ma ghandu ebda dritt fuq l-istess kif ser jinghad ukoll aktar il-quddiem.

7. Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-istess kontendenti u dan b'effett mis-sena 1997.

8. Illi ghal dak li jikkoncerna it-tmien talba attrici *stante* li l-mobbli li kienu formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet gja gew maqsuma bejniethom, din il-Qorti fil-waqt li tikkonferma l-istess qsim tal-mobbli li sar bonarjament bejn il-partijiet, tiddikjara li ma hemm xejn izjed fl-istess komunjoni x'jigi likwidat u diviz, b'dan pero' li l-kera tal-fond 218, Bwieraq Street, B'kara ghandha tibqa' esklussivament fuq l-attrici u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lil sid il-kera a spejjez attrici.

9. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza tas-separazzjoni fir-Registru Pubbliku *a tenur* tal-**artikolu 62A Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

10. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba attrici *stante* li ma hemmx bzonnha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u tal-Mandat ta' Qbid datat 9 ta' Dicembru 1998 kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------